Kunsill Lokali Paola

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-10

Il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f' Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2025. Il-laqgħa bdiet fis-1:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Dominic Grima | Viċi Sindku |
| | Darren Lynch | Kunsillier |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ħadd | |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

**10.01 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

10.01.01 Is-SE informa li kulħadd kien preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**10.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 09/09**

10.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/09 li kienu ntbagħtu qabel ġew approvati kif emendati (09.04.18 u 09.04.01). Il-Kunsilliera Agius Attard ipproponiet filwaqt li l-Kunsillier Lynch issekonda.

**10.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.03.01 Is-Sindku nforma li rigward Ġnien Tony Bezzina ma IM wasalna illi jekk il-Kunsill jaqbel huma lesti li jkomplu l-proġett kollu mill-*Bus Shelter* sal-*corridor*. Huwa kienu talbu li x-xogħol jitkompla minnhom biss u li l-kuntrattur preżenti joħroġ kompletament mix-xena. Huwa qal li nsista li ladarba l-proġett jerġa jibda jitkompla sabiex jispiċċa l-inkonvenjent lir-residenti. Huwa żied jgħid li tkellimna mal-kuntrattur u ovvjament, kif konna diġà qbilna bħala Kunsill, irid jitħallas tal-ammonti li baqa' fuq il-materjal li kien diġà xtara li jinkludi l-pavimentar, id-dwal, il-*playing field equipment* (inkluż is-*soft area* ta' taħtu) kif ukoll il-bankijiet u l-*bins*. Huwa qal li l-kuntrattur talab illi ladarba ser jieqaf mill-kuntratt, huwa jitħallas tat-*toilets* li kellu għall-ħaddiema, il-*hoarding*, l-*insurance, Health & Safety* kif ukoll il-provvista tal-ilma. Huwa qal li l-valur tal-kuntratt kien ta' € 984,876 u li sa issa l-Kunsill ħareġ €531,300 skont il-kuntratt. Huwa żied jgħid li jekk wieħed iqis l-aħħar talba li tammonta għal € 228,719, il-Kunsill ser ikun iffranka €224,000 mis-somma tal-kuntratt. Dan biex ma nsemmux l-ammont ta' €150,000 li għad jonqosna nieħdu mingħand Ambjent Malta tal-ġiebja li saret fuq il-post. Huwa qal ukoll li l-€1,000,000 tal-UIF mhux ser jintużaw fuq dan il-proġett u ser ikunu qed jintużaw fuq proġett ieħor. IM wegħdu li f'6 xhur minn meta niffirmaw il-ftehim, il-proġett għandu jitlesta.

F'intervent il-Viċi Sindku qal li huwa xtaq jara l-ammonti li diġà ħallas il-Kunsill u kemm fadallu jitħallas. Huwa qal li ma jaqbilx li l-kuntrattur jitħallas talli ser joħroġ mill-kuntratt. F'intervent, il-Perit tal-Kunsill ta spjega dettaljata dwar l-istorja mill-bidu sa meta waqaf ix-xogħol. Fost l-oħrajn fuq mistoqsija tal-Kunsillier Caruana dwar il-garanzija huwa spjega li hemm ammont ta' *retention* li tibqa' għand il-Kunsill għal numru ta' snin sabiex tagħmel tajjeb għal difetti/nuqqasijiet li jinstabu wara li jitlesta x-xogħol. Huwa qal li fil-fehma tiegħu it-talba tal-kuntrattur hija ġustifikata. Huwa żied jgħid ukoll li dan anke japplika għat-talba tal-kuntrattur sabiex jithallas talli żamm il-materjal li kien inxtara u li għadu ma ġiex installat.

Il-Kunsillier Caruana xtaq li items bħal dawn għandhom ikunu fuq l-Aġenda għax ma kienx qed iħossu komdu jivvota fuq dan il-proġett però s-SE wieġeb li fl-aħħar laqgħa s-Sindku kien semma li sa laqgħa oħra kien qed jispera li jkollu aktar dettalji liem dettalji kienu waslu għandu wara li l-Aġenda kienet diġà ġiet ippubblikata. Il-Viċi Sindku talab li jkunu elenkati ukoll in-nuqqasijiet tal-

kuntrattur fejn jidħlu multi għax il-kuntrattur ma lestiex fiż-żmien miftiehem. Is-SE fakkar li konna ktibna lill-kuntrattur bl-avukat, hu kien wieġeb lura iżda aħna ma konniex irrispondejna lura. Il-Viċi Sindku fakkar li fil-kuntratt ma kienx hemm rata għar-rimi tal-materjal u allura anke dan kien żied fl-ispejjeż li ma kienux meħuda inkonsiderazzjoni meta sar it-*tender*. Is-Sindku nforma wkoll li il-Kunsill ser ikun qed jinħall minn mal-kuntrattur wara li jiġi ffirmat il-kuntratt ma' IM.

Fuq kumment tal-Kunsilliera Piccinino, kien hemm qbil li għandna ninsistu ma' IM li l-proġett għandu jitqies li sar bejn il-Kunsill u IM u mhux tidher IM biss. Wara li ġiet konkluża d-diskussjoni, kien hemm qbil li jittieħed vot fejn il-Kunsillier Caruana ivvota kontra u l-Kunsillieri l-oħra ivvutaw favur.

***Fis-2:15 il-Viċi Sindku ħalla il-laqgħa minħabba mpenji oħra personali.***

10.03.02 Is-Sindku nforma li matul dan ix-xahar saret laqgħa oħra tal-*Paola Network* fejn huwa ħeġġeġ lil-dawk preżenti sabiex issa ngħaddu għall-fatti u għalhekk ġie deċiż li fil-ġimgħat li ġejjin, kienu ser jiltaqgħu mal-anzjani li jattendu l-*Active Ageing* fil-binja tal-Kunsill. Il-Kunsillier Caruana wera x-xewqa li jibda jattendi għal dawn il-laqgħat u għalhekk ser niċċekkjaw magħhom jekk dan hux possibbli.

10.03.03 Is-Sindku nforma li fl-aħħar ġranet kienet saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal li għaliha attendew 9 t-itfal u mill-Kunsill kienu attendew is-Sindku u l-Kunsillieri Piccinino u Agius Attard. Il-Kunsilliera Piccinino ikkummentat dwar in-nuqqas ta' *mentors* minn Paola għax jirrizulta li ma ħarġitx sejħa għalihom u insistiet li huwa mportanti li l-*mentors* ikunu minn Paola. Kien hemm qbil li jinxtraw xi *cushions* sabiex ikunu jistgħu jiġu akkomodati tfal żgħar.

10.03.04 Rigward Triq il-Foss, is-Sindku nforma li x-xogħol kien beda u qabel beda x-xogħol kienet saret laqgħa għar-residenti li joqgħodu bejn Triq il-Ġdida u Triq Santa Ubaldeska peress li f'din il-parti hemm problemi ta' parkeġġ quddiem ir-residenzi peress li ma hemmx bankina. Kien hemm qbil li quddiem kull bieb ser issir bankina sabiex jibqa' distanza mill-bibien tar-residenzi.

10.03.05 Is-Sindku nforma li flimkien mas-S.E. kellu laqgħa mad-Direttur tal-Ħabs u bħala riżultat il-*ground* tas-6-a-side li hemm fil-ħabs li jagħti għall-Pjazza ser jibda jinfetaħ bi ħlas mit-Tnejn sal-Ħadd fil-għaxija. L-unika *issue* li għadha pendenti hija min ser jieħu ħsieb jiftaħ u jagħlaq il-*ground*. Huwa żied ukoll li kien hemm qbil ukoll li f'Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu l-Forka ser tkun miftuħa għall-pubbliku mingħajr ħlas. Huwa żied ukoll li saret anke diskussjoni dwar il-ħajt li jagħti għall-Pjazza u d-Direttur offra li dan il-ħajt jingħata lill-Kunsill sabiex jintuża għal għanijiet edukattivi iżda huwa kontra li ma' dan il-ħajt isir *screen*. Id-Direttur offra wkoll l-assistenza tal-ħaddiema tal-ħabs jekk ser ikunu ser isiru xi xogħlijiet ma' dan il-ħajt. Saret diskussjoni dwar il-possibilità li jekk ma jintużax il-ħajt tal-ħabs, isir f'sit ieħor u għandna nesploraw il-possibilità li ninvolvu l-istudenti tal-MCAST.

10.03.06 Is-Sindku spjega li għandna nibdew naħsbu dwar l-400 sena mit-twaqqif ta' Paola. Għal dan il-għan kien hemm qbil li jitwaqqaf kumitat li jieħu ħsieb l-attivitajiet relatati ma' dan l-avveniment. Kien hemm qbil li l-ewwel laqgħa ssir il-Ħamis 6 ta' Frar fit-3:00 pm. Kien hemm qbil ukoll li ninvolvu lis-SEM sabiex naraw hux possibbli li niksbu fondi mill-Ewropa.

10.03.07 Is-Sindku spjega li kien hemm fondi mir-Reġjun sabiex issir *Public Convenience Automated*. Huwa semma li l-ħsieb kien li dawn il-fondi jintużaw sabiex titranġa l-latrina ta' taħt il-Kunsill waqt l-*embelishment* ta' Ġnien Pawlu Boffa li kellu anke jkollu *lift* sabiex il-latrina tkun aċċessibbli għal kulħadd. Is-SE informa li t-*tender* għal dan ix-xogħol kien diġà ħareġ darbtejn imma fiċ-ċirkostanzi preżenti, l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jidħol għall-ispiża sabiex isir dan kollu minbarra l-fatt li l-Ministeru Bonett kien wiegħed li ser jieħu ħsieb dan l-*embelishment*. Fiċ-ċirkostanzi, wara diskussjoni ġie deċiż li nesploraw il-possibilità li l-latrina ssir fil-livell tal-binja tal-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li naraw jekk hux possibbli li fil-Ġnien ikun hemm anke gabbana.

***Fl-3:40 il-Kunsillier Lynch ħalla il-laqgħa minħabba mpenji oħra personali.***

10.03.08 Is-Sindku semma li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun kienet saret enfasi fuq il-ġbir tal-iskart u qassam kopja ta' ftehim li sar bejn ir-Reġjun u l-kuntrattur sabiex jitjieb is-servizz lir-residenti.

10.03.09 Rigward l-attività tal-Karnival, is-Sindku nforma li wara li konna applikajna taħt l-iskema maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, konna ingħatajna € 5,000 (l-ammont massimu) u s-Sindku nforma li l-ispiża totali għal din l-attività għandha tkun madwar € 7,500.

10.03.10 Is-Sindku ssuġġerixxa li fi Frar issir attivita' soċjali ġewwa l-Muzew tal-Gwerra u Sant'Iermu. Kien hemm qbil ukoll li ssir quddiesa fil-Knisja ta' San Duminku u ikla f'xi ristorant.

10.03.11 Rigward Ħamis ix-Xirka s-Sindku ssuġġerixxa li jsir disinn bix-xema' quddiem il-Bażilika u quddiem il-Knisja ta' Lourdes. Kien hemm qbil li l-Kunsill jalloka € 2,500 għal din l-inizjattiva.

10.03.12 Is-Sindku nforma li kellu laqagħha mas-Supretendent li matula kienet ġiet diskussa fost l-oħrajn il-problema tal-ħamiem. Huwa qal li s-Supretendent kien informah li hemm mezz kif b'mod legali, l-ħamiem selvaġġ jista' jinqabad u eventwalment jittieħed il-bogħod minn Paola sabiex ma jerġax jiġi. Huwa qal li hemm spiża nvoluta però din is-sistema għandha tkun effettiva. Dwar dan kien hemm qbil.

***Fl-4:00 il-Kunsillier Camilleri ħalla il-laqgħa minħabba mpenji oħra personali.***

***Is-SE informa li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa u li għalhekk kien hemm bżonn il-qbil ta' dawk preżenti biex il-laqgħa tkun tista' tkompli. Peress li kien hemm qbil unanimu, l-laqgħa kompliet.***

**10.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

10.04.01 Il-Kunsilliera Piccinino ikkummentat dwar l-*updates* tal-Agenda, l-Minuti u *update* dwar il-lokalita'. Rigward l-*updates* is-SE informa li hemm *issue* dwar l-*updates* u li dwar din kien ser jiċċekkja mad-Divizjoni ghall-Gvern Lokali.

10.04.02 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet dwar il-lista tad-dekasteri u l-*Business Cards*. Is-SE informa li dwar il-posta tad-dekasteri safejn jaf hu dawn kienu lesti u kien taħt l-impressjoni li kull Kunsillier kien ser juplowdja tiegħu u rigward il-*Business Cards* kien hemm qbil li sa laqgħa oħra jinġiebu l-*quotations* sabiex kull Kunsillier ikollu 500 *Business Card*.

10.04.03 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet għaliex is-sinjali tat-traffiku fl-akkwati ta' Triq l-Arkata ma kienux weħlu kollha. Is-SE informa li kien ser isaqsi lil TM għaliex waqaf ix-xogħol.

10.04.04 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet kemm ser idum ix-xogħol fi Triq il-Foss u s-Sindku nforma li jekk kollox jimxi skont il-pjan, sa 3 xhur għandu jitlesta.

10.04.05 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet għaliex tneħħiet *Sleeping Policeman* fi Triq il-Ġdida. Is-SE informa li din tneħħiet peress li wara li kien hemm qbil li jsiru fejn saru, l-istess residenti wara li saru, oġġezzjonaw minħabba l-ħsejjes.

10.04.06 Il-Kunsilliera Piccinino semmiet il-problema li hemm fi Triq Żabbar minħabba l-istat każin li tinsab fiha t-triq. Is-Sindku filwaqt li qabel mal-kumment, informa li hemm il-wegħda li din it-triq għandha ssir din is-sena.

10.04.07 Il-Kunsilliera Piccinino issuġġeriet li ssir *zebra crossing* fi Triq Palma in-naħa tal-Puma. Kien hemm qbil li nagħmlu talba f'dan is-sens lil-TM.

10.04.08 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-krematorju u s-SE informa li uffiċċjalment ma konna smajna xejn u fis-sit tal-PA hemm biss li f'Novembru li għadda kienu ġew sottomessi pjanti ġodda però ma kienx hemm data meta ser jitkompla l-proċess u peress li aħna konna oġġezzjonajna, għandna niġu nfurmati uffiċċjalment.

10.04.09 Il-Kunsillier Caruana staqsa kienx hemm xi haġa uffiċċjali rigward l-inċineratur mingħand l-ERA jew il-Wasteserv. Is-SE informa li kien tkellem ma' uffiċċjal tal-ERA li nfurmatu li filwaqt li kienet ser tiċċekkja jekk kienux infurmawna uffiċjalment, żiedet tgħid li peress li l-inċineratur qiegħed il-Marsa, huma obbligati li jinfurmaw lilhom biss. Is-SE informa li hu kien tkellem mas-SE tal-Kunsill tal-marsa li nfurmatu li ma kienu rċevew xejn.

10.04.10 Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser isir ir-*railing* li hemm nieqes fil-Pjazza u s-s-Sindku nforma li konna qed niġbru l-*quotes* u li malli jkollna kollox dawn kien user jiġu ordnati flimkien ma' dawk ta' fuq is-Suq.

10.04.11 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar ix-xelter ta' Santa Monika iżda s-SE informa li kien għadu ma sar xejn.

10.04.12 Il-Kunsillier Caruana ressaq ilment ta# resident li fi Triq Sammat kantuniera ma Triq it-Tarzna, kien qed jitpoġġa l-iskart mal-faċċata tiegħu. Kien hemm qbil li terġa teħel tabella sabiex ma jintremax skart mal-kaxxa tal-Go.

10.04.13 Il-Kunsillier Caruana staqsa nistgħux niktbu lill-awtoritajiet ta-saħħa sabiex naraw meta kien ser jerġa jsir il-*pitch* tal-boċċi li kien hemm fejn illum hemm il-*Paola Hub*. Il-Kunsillier Caruana għandu jkellem lil min kien jieħu ħsieb dan il-Klabb sabiex jekk għandhom xi korrispondenza jgħaddulna kopja tagħha sabiex inkunu nistgħu nsostnu t-talba tagħna.

10.04.14 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk it-*traffic management* li sar fl-akkwati ta' Triq l-Arkata kienx bi prova jew le u s-SE informa li iva kienu bi prova għal 3 xhur. Huwa żied jgħid li bħala Kunsill konna rċivejna lment wieħed biss kontra t-*traffic management* il-ġdid.

10.04.15 Il-Kunsillier Caruana semma l-*issue* tal-*pots* fil-Pjazza u staqsa meta ser jitkomplew u s-Sindku nforma li konna qed niġbru l-*quotes* sabiex isir il-ħadid taħthom sabiex ikunu jistgħu jiċċaqalqu meta jkun hemm bżonn.

10.04.16 Il-Kunsilliera Piccinino ressqet ilment ta' resident dwar Karavan li hemm fi Triq Pietru Pace. Is-SE informa li kien ser jiċċekkja eżatt kif qiegħda l-liġi llum dwar il-karavans għax dan l-aħħar kien hemm xi tibdil.

**10.05 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

09.05.01 Is-SE nforma li l-Għaqda Soċ. Fil. Fra Ant. De Paule Banda Kristu Re, l-Għaqda Soċjali Mużikali Sultan Banda Paola, Soċjetà Fil. 11 ta' Frar u l-Għaqda Nar u Armar Madonna ta; Lourdes Paola kienu kitbulna fejn urew l-interess tagħhom li jieħdu ħsieb l-ikel, xorb, ħelu u logħob għat-tfal fl-attività tal-Karnival.

09.05.02 Is-SE informa li konna rċivejna talba mingħand il-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-Parroċċa Kristu Re kienu talbu laqgħa mal-Kunsill.

**10.06 Estimi Finanzjarji 2025**

10.06.01 Is-SE informa li kien bagħat l-aħħar verżjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2025 li fiha hemm l-allokazzjoni finali kif ukoll is-salarji aġġornati għal din is-sena, għalkemm propju l-bieraħ kien ħareġ il-ftehim kollettiv il-ġdid tal-iskrivani li jista' jkollu impatt fuq dawn l-estimi. L-estimi finanzjarji ġew approvati kif ippreżentati.

**10.07 Rapporti**

10.07.01 Is-SE informa li ma kienx hemm rapporti.

**09.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 09/10**

10.08.01 L-iskeda ta’ Pagamenti li kienet intbagħtet qabel lil Kunsillieri ġiet approvata unanimament. Ġew approvati ukoll numru ta’ kontijiet oħra li kienu waslu wara li kienet intbagħtet l-iSkeda tal-Pagamenti. Il-Kunsillier Caruana ivvota kontra l-pagament dwar Ġnien Tony Bezzina.

**10.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

10.09.01 Il-laqgħa ntemmet fl-4:30 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 24 ta’ Frar 2025 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 24 ta’ Frar 2025.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |